MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 314/2018 LM

**Joseph Vella (K.I. 490787M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Mary Helen sive Mariella Strout (K.I. 531164M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Joseph Vella (K.I. 490787M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-1 ta' Novembru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] li permezz tagħha l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dak li qalet il-konvenuta **Mary Helen sive Mariella Strout (K.I. 531164M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl

il-Baħar li saret fl-24 ta' Ottubru, 2018, u l-kuntest li fih intqal il-kliem li l-attur qies li huwa inġurjuż jew malafamanti, ma fihx il-malizzja meħtieġa għall-fini tas-suċċess tal-azzjoni proposta. Il-Qorti kkonkludiet ukoll li ma kien hemm l-ebda falsità fil-kliem tal-konvenuta, u qieset li hija oġġettivament riskontrabbli l-konvinzjoni tal-konvenuta, li kien l-attur li heddidha u attakkaha. Għaldaqstant il-Qorti kkonkludiet li l-istqarrija impunjata ma tistax titqies li hija diffamatorja skont il-liġi.

**Fatti**

2. Bl-Avviż li permezz tiegħu l-konvenuta ntalbet tidher quddiem l-Ewwel Qorti, din ġiet mgħarrfa li hija aġixxiet b'ingann u/jew b'malizzja u mmalafamat jew inġurjat bi kliemha lill-attur, billi akkużatu waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li saret fl-24 ta' Ottubru, 2018 huwa kien heddidha u attakkaha diversi drabi fuq *WhatsApp,* liema allegazzjonijiet il-konvenuta baqgħet issostni anki f'korrispondenza legali. Il-konvenuta intalbet mir-rikorrenti tħallas danni skont il-*proviso* tal-artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, in riparazzjoni tal-malafama u/jew inġurja sofferti mill-attur konsegwenza tad-diskors pubbliku, infondat u inveritier li sar mill-konvenuta.

3. Il-konvenuta, fir-risposta tagħha wieġbet li preliminarjament hija m'għandhiex tiġi indirizzata fil-vesti personali tagħha, għaliex kull diskors u kull allegazzjoni vantata saret dejjem fil-konfront tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, u qatt personalment. In linea preliminari wkoll, il-konvenuta eċċepiet li dan il-każ diġà ġie riferut, in linea mar-regolamenti li jirregolaw il-proċeduri waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali, lill-Bord

ta' Governanza, u għalhekk issollevat il-prinċipju ta' *ne bis in idem.* Preliminarjament ukoll il-konvenuta eċċepiet li l-Qorti mhijiex il-*forum* kompetenti *rationae materiae* sabiex tisma' l-lanjanza tal-attur, stante li lanjanza bħal tiegħu trid tinstema' quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali. Il-konvenuta eċċepiet ukoll li fil-mertu din mhijiex kwistjoni ta' malafama u/jew inġurja, iżda ta' materja li ġiet diskussa fil-*fora* proprja jiġifieri waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, u għalhekk qatt ma jistgħu jissussistu l-elementi rikjesti fil-liġi sabiex dak diskuss waqt laqgħa pubblika fil-miftuħ, jiġi kwalifikat bħala malafamanti jew inġurjuż.

**<u>Mertu</u>**

4. L-Ewwel Qorti semgħet numru ta' xhieda, fosthom dik tal-konvenuta **Mary Helen sive Mariella Strout**, li fix-xhieda tagħha qalet li hija ilha Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar minn Ġunju 2018, u li hija kienet taf lill-attur għaliex huwa kien kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-istess lokalità. Il-konvenuta qalet li l-materja sollevata f'dawn il-proċeduri diġà ġiet deċiża mill-Bord ta' Governanza, li qal li kien qiegħed jinħela ħafna ħin dwar din il-kwistjoni.

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, fejn għar-raġunijiet spjegati f'dik id-deċiżjoni, l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari ġew miċħuda.

6. L-attur **Joseph Vella**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien ġie elett bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fl-elezzjoni tal-2015 sa Ġunju tal-

2019, u llum huwa m'għadux kunsillier ta' din il-lokalità. Spjega li r-raġuni prinċipali għalfejn huwa istitwixxa proċeduri kontra s-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali kienet għaliex waqt laqgħa pubblika li saret fl-24 ta' Ottubru, 2018 hija akkużatu li kien heddidha, u allegat ukoll li huwa kien attakkaha diversi drabi b'messaġġi fuq il-*WhatsApp.* Qal ukoll li għal din il-laqgħa kien preżenti s-Supretendent tal-Għassa tal-Qawra, u l-laqgħa ġiet *streamed* b'mod dirett għall-benefiċċju tar-residenti u tal-pubbliku. Qal li kien waqt din il-laqgħa li l-konvenuta esebiet *email* tat-23 ta' Ottubru, 2018, li juri n-numru tal-*mobile* tiegħu u *emoticons* b'erbat iskieken u erba' fliexken tax-xampanja. Qal li għalih huwa evidenti li l-konvenuta qegħda tipprova tqarraq u tinġurjah mal-kollegi tiegħu u mal-pubbliku li jkun qiegħed isegwi l-laqgħa, għaliex dik l-*email* kienet tikkonsisti f'*chat* privata bejnu, is-Sindku ta' dak iż-żmien u l-konvenuta, u għalhekk l-*emoticons* ittieħdu għal kollox barra mill-kuntest ta' dik id-diskursata. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu r-rikorrent esebixxa estratt taċ-*chat* sħiħa li turi d-diskursata kollha li saret, u li kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuta, id-diskursata kienet waħda amikevoli u ċajtiera. Qal ukoll li d-diskursata saret fil-5 ta' Ottubru, 2018, jiġifieri diversi ġranet qabel il-laqgħa tal-Kunsill Lokali. L-attur qal li l-konvenuta saħansitra għamlet kwerela mal-Pulizija u akkużatu li heddidha u li kien hemm *misuse of electronic/telecommunications equipment,* liema akkuża tista' ġġorr multa li tlaħħaq €10,000. L-attur qal li huwa deher quddiem il-Qorti Kriminali rigward dawn l-akkużi, u ġie liberat kompletament. Qal li hu ma jistax jifhem għal liema raġuni l-konvenuta qegħda teħodha kontra tiegħu, u qal li din l-animożità tal-konvenuta nibtet minn artiklu li deher fuq il-mezzi tax-xandir li jgħid li l-latrini pubbliċi fil-Qawra u Buġibba kienu fi stat diżastruż. L-attur allega li l-konvenuta kienet daħħlitha f'rasha li kien hu li

qiegħed jagħmel ċerti rapporti fuq il-*media,* u qal li dan ifisser li l-konvenuta kienet qegħda tallega li huwa xandar aħbarijiet foloz, u huwa kien qiegħed jiġi investigat mill-awtoritajiet kompetenti dwar dan, meta dan mhux minnu. L-attur ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li tul is-snin li huwa serva bħala kunsillier fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, huwa għamel dan b'lealtà assoluta lejn ir-residenti, ħa x-xogħol tiegħu b'serjetà u b'sagrifiċċju personali, u qatt ma ħaseb li r-reputazzjoni u l-integrità tiegħu ser jiġu imtappnin b'dan il-mod. Qal ukoll li huwa kien dispost jasal għal soluzzjoni bonarja kemm-il darba l-konvenuta tirtira l-akkuża kriminali li għamlet fil-konfront tiegħu, u tagħmel apoloġija pubblika, iżda hija assolutament irrifjutat li tagħmel dan.

7. Għad-domandi li sarulu waqt il-kontro-eżami, l-attur ikkonferma li huwa sar jaf lill-konvenuta mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, u kkonferma li l-messaġġ bis-skieken fih u bi *screenshot* mil-liġi Maltija dwar kif għandu jitneħħa Segretarju Eżekuttiv, kien intbagħat minnu. Qal li dakinhar li kellu jibda jaqdi l-inkarigu tiegħu John Sammut, li ngħata t-tender biex jieħu ħsieb il-latrini pubbliċi fil-lokalità, huwa kien mar f'uħud mil-latrini pubbliċi li hemm fil-lokalità u ħa ritratt tal-istat li dawn tħallew fih. Qal li huwa għamel dan fuq inizjattiva personali tiegħu għax ħass li l-persuna li ngħatat dan l-inkarigu ma kellhiex tintgħażel biex tidħol f'kuntratt, meta l-latrini pubbliċi tħallew f'dak l-istat. Qal li huwa kien bagħat ritratti tal-latrini pubbliċi lill-kumplament tal-kunsilliera li jservu f'dik il-lokalità, u l-istess ritratti ntbagħtu minnu lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. L-attur ikkonferma wkoll li kemm-il darba għamel *posts* pubbliċi fuq il-paġna ta' *Facebook* tiegħu fejn ikkritika x-xogħol tal-Kunsill Lokali li huwa jifforma parti minnu. Qal ukoll li ċ-*chat* li l-konvenuta tgħid li ħassitha offiża biha,

kienet waħda li kienet ċajtiera u li kienet maħsuba biex tkun diskursata privata bejnu, is-Sindku tal-lokalità u l-konvenuta.

8. Il-konvenuta **Mary Helen sive Mariella Strout** fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija ilha Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar minn Lulju tal-2018, u għadha tokkupa din il-kariga sa issa. Qalet ukoll li hija responsabbli mill-affarijiet finanzjarji, amministrattivi u eżekuttivi tal-Kunsill Lokali. Qalet li meta bdiet taħdem bħala Segretarju Eżekuttiv f'din il-lokalità, hija sabet li kien hemm nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-Kunsilliera fl-istess lokalità, u dan kien qiegħed iwassal għal diżgwid, u hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tkun suġġetta għal dan id-diżgwid. Qalet li fil-bidu li bdiet f'din il-kariga, hija ħassitha milqugħa anki mill-attur li kien kunsillier indipendenti fil-lokalità, iżda qalet li l-attitudni tiegħu fil-konfront tagħha nbidlet maż-żmien. Il-konvenuta spjegat li l-attitudni tal-attur inbidlet meta hija spjegatlu li kien hemm ċerti proċeduri tal-Kunsill Lokali li kellhom jiġu esegwiti, u l-attur ipprova jwaqqafha milli tagħmel xogħolha skont il-proċeduri. Il-konvenuta qalet li hija bdiet tinnota dan l-aġir kull darba li hija bdiet tibgħat xi *email,* u l-attur kien jirreaġixxi billi jinkludi fil-korrispondenza persuni oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mas-suġġett li jkun qiegħed jiġi diskuss, u kien hemm drabi meta l-attur kien jinkludi politiċi u membri parlamentari sabiex iwaqqagħha għaċ-ċajt magħhom. Il-konvenuta qalet li kien hemm drabi meta l-attur ipprova jwaqqagħha għaċ-ċajt u jmaqdar il-kompetenza tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv. Il-konvenuta qalet li hija kienet inkarigata sabiex toħroġ u tieħu ħsieb sejħa ġdida għal kwotazzjonijiet, fejn kien intgħażel ċertu John Sammut sabiex ikun il-kuntrattur il-ġdid għat-tindif tal-latrini pubbliċi. Qalet li

dakinhar li kellu jibda jaqdi l-inkarigu tiegħu dan John Sammut, l-attur kien iddeċieda li jwaqqaf dan l-inkarigu minħabba fis-sitwazzjoni li kienu fiha il-latrini. Qalet li l-latrini pubbliċi kienu ilhom fi stat ħażin għal diversi snin, saħansitra minn qabel hija laħqet Segretarju Eżekuttiv tal-lokalità, u l-attur kien jaf b'dan. Il-konvenuta qalet li meta ġie ppubblikat artiklu dwar l-istat tal-latrini pubbliċi fuq is-sit tal-aħbarijiet tat-TVM, liema artiklu wassal għal ħafna kontroversja, hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tikkomunika mal-Editur sabiex tikkjarifika xi affarijiet. Qalet li fir-risposta tagħha hi ħasset li kellha tiddefendi l-pożizzjoni tagħha u tal-Kunsill, partikolarment għaliex l-attur mhux l-ewwel darba li kien jippubblika *emails* li kienet tibgħat hi bħala Segretarju Eżekuttiv fuq il-paġna ta' *Facebook.* Il-konvenuta qalet li wara dawn l-episodji, hija kienet informat b'dan lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali, Adrian Mifsud, li kien ikkonferma magħha li l-ilment tagħha kien ser jiġi mgħoddi lill-Bord tal-Governanza Lokali. Il-konvenuta qalet li l-*emoticons* li juru skieken juru kemm l-attur mexa b'impulsività waqt id-diskursata ta' bejniethom, u qalet li dawn qatt ma kienu maħsuba biex iwasslu messaġġ ta' ħbiberija jew ta' rispett, iżda qajmu sens ta' biżgħa fiha. Il-konvenuta qalet li l-attur għamel diversi tentattivi sabiex hija titneħħa minn Segretarju Eżekuttiv, u meta rat il-messaġġ bl-iskieken, hija ma ħaditux bħala ċajta, iżda bħala attakk u theddida personali. Qalet ukoll li l-attur ġie liberat fil-proċeduri kriminali għal raġunijiet tekniċi.

9. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, il-konvenuta spjegat li hija bdiet tinnota li l-atteġġjament tal-attur fil-konfront tagħha beda jinbidel. Spjegat li minkejja li f'Kunsill Lokali huma l-kunsilliera li jieħdu d-deċiżjonijiet, is-

Segretarji Eżekuttivi jridu jassiguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu konformi mal-liġi.

10. **Adrian Mifsud,** fix-xhieda tiegħu spjega li fl-2018 huwa kien Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u dak iż-żmien kienu qegħdin jaslulu diversi ilmenti dwar l-operat tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Qal li l-ilmenti kienu dwar l-amministrazzjoni, dwar kwistjonijiet li kienu jinqalgħu waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali, u meta kien jirċievi dawn l-ilmenti, huwa kien jirreferihom lill-*monitoring unit* fi ħdan l-istess Dipartiment. Qal ukoll li l-liġi lilu ma kinitx tagħtih il-fakultà li jinvestiga dawn l-ilmenti.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

11. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru, 2021, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza li kellha quddiemha billi laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta, għalkemm mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-konvenuta, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Illi in segwitu għas-sentenza in parte tat-12 ta' Frar, 2020 li determinat u ċaħdet l-eċċezzjonijiet sollevati fl-ewwel tliet paragrafi tal-Risposta tal-konvenuta, jifdal biex jiġi mistħarreġ il-mertu tat-talba attriċi u dan fl-isfond tar-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta li tolqot il-mertu.*
>
> *Din hija azzjoni dwar allegat malafama. L-attur isostni li l-azzjoni hija waħda ta' inġurja u fir-Rikors promutur, fisser illi l-allegat inġurja tinsab fil-kliem indirizzat fil-konfront tiegħu mill-konvenuta fejn allegatament, waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fl-24 ta' Ottubru, 2018, hija qalet li huwa heddidha u attakkaha diversi drabi inkluż fuq Whatsapp.*
>
> *Minn qari bir-reqqa tal-istess Rikors promutur, jirriżulta li l-attur ippremetta ulterjorment li l-konvenuta baqgħet issostni l-allegazzjonijiet tagħha anke*

*sussegwentement għal-laqgħa tal-24 ta' Ottubru, 2018, f'korrispondenza legali. Għall-Qorti il-fatt illi l-kliem allegatament malafamanti ġew ripetuti wkoll f'korrispondenza legali, ifisser illi ma jistax ikun eskluż* a priori *li l-azzjoni tista' tkun waħda ta' libell, ċioe malafama permezz ta' kitba.*

*Madanakollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur iddikjara bla tlaqliq illi l-azzjoni minnu esperita hija għal inġurja u mhux libell u identifika l-kliem malafamanti bħala dak il-kliem li ġie indirizzat lilu mill-konvenuta waqt il-laqgħa pubblika tal-24 ta' Ottubru, 2018. L-attur eskluda wkoll espressament mill-iskop ta' din l-azzjoni, stqarrijiet oħrajn bil-miktub li għamlet il-konvenuta u jew pubblikazzjonijiet fil-midja stampata bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-istess konvenuta. (fn. 1 il-Qorti fehmet illi dawn l-istqarrijiet mill-miktub huma dawk li saret referenza għalihom fl-affidavit tal-attur, ċioe email Dok. E u pubblikazzjoni fuq tvm.com.mt Dok. F) Minn dan huwa manifest illi l-azzjoni odjerna hija arġinata speċifikament bħala azzjoni għal inġurja, tant illi fir-Rikors promutur, l-attur talab il-ħlas ta' danni morali taħt il-proviso tal-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama li jistabbilixxi l-ammont li jista' jingħata bħala danni morali f'azzjoni għal inġurja, fis-somma massima ta' ħamest elef euro.*

*Għaldaqstant, il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ tagħha f'din il-kawża għall-kliem allegatament malafamanti li allegatament ġew indirizzati mill-konvenuta fil-konfront tal-attur waqt laqgħa li saret fl-24 ta' Ottubru, 2018.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi fir-raba' eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta tiċħad li jissussisti l-elementi meħtieġa mil-liġi għal malafama jew inġurja għaliex dak li ntqal mill-konvenuta intqal fil-forum propizju, ċioé waqt laqgħa miftuħa għall-pubbliku. Din l-eċċezzjoni ġiet imfassla hekk:-*

"Illi fil-mertu din mhijiex kwistjoni ta' malafama jew inġurja, iżda ta' materja li ġiet diskussa fil-fora proprja u ċioe waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar għal liema raġuni ma jistgħu qatt jissusixtu (recte: jissussistu) l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex dak li ġie diskuss waqt diskussjoni miftuħa għall-pubbliku bil-liġi jiġi kwalifikat bħala malafamanti jew inġurjuż ..."

*Il-Qorti minnufih tosserva illi din l-eċċezzjoni, in kwantu hi arġinata fuq il-premessa illi d-diskors impunjat ma jistax jitqies li huwa malafamanti għaliex il-kliem intqal waqt diskussjoni li seħħet fil-forum appożitu, mhijiex tajba u ma tistax treġġi. Il-lok jew il-forum li fih ikun intqal il-kliem inġurjuż, mhuwiex fost l-elementi meħtieġa mil-liġi biex il-kliem jitqies li huwa malafamanti, purche' naturalment jissussisti l-element tal-pubblikazzjoni. Fil-każ ta' inġurja, dan ifisser illi l-kliem jeħtieġ li jiġi komunikat mhux*

*biss lill-persuna aggravata iżda imqar ukoll lil persuna oħra. (fn. 2 "*Communication only to the defamed person may be sufficient, however, where that person is under a duty to and does, communicate the statement to another ...." – *Collins on Defamation, Matthew Collins QC, Oxford University Press, (2014 Ed. ) p. 70.*

*Iżda f'kull każ, il-konvenuta laqgħet għall-azzjoni billi f'din ir-raba' eċċezzjoni tagħha, ċaħdet li l-kliem impunjat jikkostitwixxi malafama jew inġurja għaliex l-elementi rikjesti mil-liġi ma jissusisstux. Huwa proprju minn din il-lenti li l-Qorti sejra tistħarreġ din l-eċċezzjoni kif wara kollox, huwa maħsub fis-subartikolu (6) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 579. (fn. 3* (6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u **l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti** u li l-fatti msemmija huma veri u, jew fi kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament).

*Mill-atti jirriżulta illi fiż-żmien tal-laqgħa li matulha ntqal l-allegat kliem inġurjuż, il-konvenuta kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar filwaqt li l-attur kien Kunsillier fl-istess Kunsill Lokali. L-attur fix-xhieda tiegħu, fisser illi huwa ħassu inġurjat u mexxa 'l quddiem din l-azzjoni għaliex il-konvenuta pubblikament waqt il-laqgħa msemmija tal-Kunsill Lokali, akkużatu li huwa heddidha u wkoll li attakkaha diversi drabi b'messaġġi fuq WhatsApp.*

*Il-konvenuta ma tiċħadx illi hija qalet il-kliem impunjat mill-attur f'din il-kawża ċioe li akkużatu li huwa heddidha u illi huwa attakkaha diversi drabi u taqbel ukoll illi preżenti għal-laqgħa fejn seħħet l-allegat inġurja, kien hemm preżenti membri tal-pubbliku fosthom uffiċjal tal-Pulizija, is-Superintendent Mario Haber, kif ukoll l-avukat tagħha. (fn. 4 Madanakollu, il-konvenuta ċaħdet l-allegazzjoni tal-attur illi dak iż-żmien il-laqgħat tal-Kunsill kienu* live-streamed *u insistiet illi m'hemm ebda* recording *ta' din il-laqgħa. L-attur ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan). Hija taqbel ukoll illi l-messaġġi fuq WhatsApp, esebiti mill-attur flimkien mal-Affidavit tiegħu (fn. 5 Dok. A), jirrappreżenta l-messaġġi effettivament mibgħuta u skambjati bejn il-partijiet fiċ-chat in kwistjoni, fosthom minnha stess. (fn. 6 ara kontro-eżami tal-konvenuta, 19 ta' Mejju, 2021)*

*Ikkunsidrat;*

*L-inġurja hija definita fl-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) bħala "*malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizzja bil-fomm." *Malafama mbagħad,*

*tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja. (fn. 7 artikolu 2, Kap. 579)*

*Minn dan jikkonsegwi illi f'azzjoni għal inġurja, jinkombi fuq l-attur li jressaq prova li tissodisfa lill-Qorti illi* ***l-kliem allegatament inġurjuż mhux biss ikkaġuna jew huwa kapaċi jikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, iżda wkoll li dan il-kliem intqal b'malizzja.*** *Dawn iż-żewġ kriterji jeħtieġu jiġu ppruvati kumulattivament.*

*Kwantu għall-ħtieġa tal-malizzja tal-istqarrija f'azzjoni għal inġurja, il-prova ta' dan l-element tinkombi lill-persuna aggravata. Fil-każ in diżamina, l-attur jikkontendi illi l-istqarrija tal-konvenuta, magħmula fil-preżenza ta' terzi persuni, illi huwa heddidha u attakkaha fuq WhatsApp, hija inġurjuża fil-konfront tiegħu. Jispetta għalhekk lill-attur jikkonvinċi lill-Qorti illi l-konvenuta ma kellhiex effettivament il-fehma ġenwina jew ma kinitx temmen onestament f'dak li esprimiet fil-konfront tiegħu jew li hija kienet motivata fl-istqarrija tagħha minn malizzja jew intenzjoni ħażina.*

*In materja, Collins (fn. 8* Collins on Defamation: Matthew Collins QC, Oxford University Press, 2014 Ed. – pp.244) *jirritjeni illi: "*knowledge of the falsity of a defamatory statement will ordinarily be conclusive evidence of malice." *Ikompli jgħid: "*Malice may also be inferred from a defendant's ill-will, prejudice, bias, recklessness, lack of positive belief in the truth of what is published, or improper motive ...".

*Fuq kollox jinsab ritenut illi:* "Malice cannot be inferred solely from the use of inflammatory or exaggerated language, or a failure to retract and apologise." *(fn. 9* Blackwell v. News Group Newspapers Ltd (2007) EWHC 3098 (QB) para. 18-19, kif ċitat f'Collins, ibid. Pp.245).

*Kwantu imbagħad għar-rekwiżit ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, dan huwa kriterju essenzjali għas-suċċess ta' azzjoni sija għal malafama konsistenti sija f'libell u sija wkoll f'inġurja, liema kriterju huwa meħtieġ speċifikatament mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. (fn. 10 Att XI tal-2018 – Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta) Din id-dispożizzjoni tistipula illi stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.*

*Dan ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi* threshold *ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa, Kapitolu 248. (fn. 11 Fi kliem Collins [On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56.], din ir-regola: "…* operates solely as a threshold for preventing or stopping

defamation actions where the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss.”)

*Fi kliem Collins (fn. 12 On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56) din ir-regola “…* operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where **the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm** or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss.” (emfasi tal-Qorti)

*Jingħad illi dan il-kriterju mhuwiex marbut mal-*quantum *tad-danni likwidabbli f’każ li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, iżda huwa meħtieġ għall-azzjonabbilità tal-malafama. Il-Qorti tqis ukoll illi l-istħarriġ meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-ħsara serja, huwa wieħed li għandu jsir f’kull azzjoni ta’ malafama istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti sua sponte mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni ad hoc fir-rigward u dan għaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilità tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji tal-liġi, l-azzjoni tista’ xorta waħda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirriżulta illi wara kollox li l-istqarrija impunjata ma kkaġunatx u mhijiex kapaċi li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.*

*Konformement, dak li għandu jiġi kkunsidrat għall-fini li jiġi stabbilit jekk dan il-kriterju ġiex sodisfatt fil-każ partikolari, huwa jekk l-istqarrija impunjata kkaġunatx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-malafama, jew jekk fihiex il-propensità li tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-każ partikolari, l-istqarrija* ***tolqot ħażin u b’mod serju l-attitudni ta’ persuni oħrajn fil-konfront tas-soġġett tal-malafama, persuni li, fil-każ in diżamina, ikunu semgħu l-kliem allegatament inġurjużi****. Fil-ġeneralità tal-każi, għall-fini ta’ dan l-istħarriġ ikun jeħtieġ li ssir referenza, fost oħrajn, għan-natura tal-imputazzjoni addebitata bl-istqarrija impunjata u għandu jiġi determinat ukoll jekk* ***il-kliem humiex kapaċi fil-kuntest partikolari tagħhom, ikunu diffamatorji għal dik il-persuna partikolari.***

*Skont il-Gatley:-*

*“…* whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant’s current reputation and financial position, and whether

similar allegations have been published before." *(fn. 13 Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41 2.5) (emfasi tal-Qorti)*

*Ikkunsidrat;*

*Mill-atti u l-provi l-Qorti fehmet illi r-retroxena ta' din il-laqgħa pubblika, fejn intqal il-kliem allegatament inġurjuż kien hemm relazzjoni skomda bejn il-partijiet xprunata bla dubju mill-kritika u l-imġieba affrontattiva tal-attur fil-konfront tal-konvenuta fir-rwol tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv. Dan qed jingħad wara li l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi li joħorġu mill-atti u l-provi.*

- *L-attur kien imħasseb dwar diversi aspetti tal-amministrazzjoni tal-affarijiet tal-Kunsill, fosthom is-sistema ta' CCTV cameras ġewwa l-Kunsill kif ukoll in-nuqqas ta' tindif taż-żewġ latrini pubbliċi tal-Kunsill, iżda dawn l-ilmenti huwa ddeċieda li jivventilahom permezz ta' pubblikazzjonijiet li fihom indirizza kritika qawwija fil-konfront tal-Eżekuttiv tal-Kunsill u dan fil-ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru, 2018.*
- *Il-konvenuta tagħmel referenza għal żewġ posts ippubblikati mill-attur fuq il-profil tiegħu ta' Facebook (fn. 14 Dok. MHS2 u MHS3 annessi mal-affidavit tal-konvenuta) li fihom hija ssostni li huwa żvela tagħrif sensittiv li kien ġie ċirkolat minnha lill-Kunsilliera permezz ta' emails interni. (fn. 15 Ara dok. MHS4, fol. 93)*
- *L-attur wieġeb għal email li bagħtitlu l-konvenuta – email li ġie indirizzat lilu biss – billi inkluda fit-tweġiba tiegħu mhux biss l-Eżekuttiv u lill-Kunsilliera kollha tal-Kunsill Lokali, iżda wkoll diversi entitajiet tal-Istat fosthom lis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika u lill-Ministru tas-Saħħa. (fn. 16 ara email a fol. 88)*
- *Fl-istess żmien, il-konvenuta f'email li bagħtet lill-Gvern Lokali, esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-komportament tal-attur u ddeskriviet kif huwa kien jidħol fl-uffiċċju tagħha regolarment u jibqa' hemm għal ħin twil, jidderiġiha dwar x'għandu jsir u jieħu ritratti ta' files u dokumenti mill-uffiċċju, atteġġjament li l-konvenuta fissritu bħala prepotenti u ta' indħil u fastidju fil-qadi ta' dmirijietha bħala Segretarja Eżekuttiva.*
- *Il-Qorti rat ukoll l-iskambju ta' messaġġi fuq grupp ta' WhatsApp bejn il-konvenuta, l-attur u s-Sindku tal-Kunsill, Ann Fenech, mibgħuta fil-ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru, 2018, liema messaġġi ġew esebiti mill-attur stess. Minn eżami ta' dan l-iskambju (fn. 17 Huwa evidenti li ma ġiex esebit l-iskambju sħiħ ta' messaġġi f'dan il-*group chat *għaliex għalkemm mill-provi jirriżulta li l-attur bagħat iktar messaġġi lill-konvenuta, dawn ma jinsabux fost il-messaġġi esebiti mill-attur), il-Qorti ma tqisx li tista' taqbel*

*mal-attur meta fix-xhieda tiegħu qal illi l-iskambju taċ-chats bejn il-partijiet fuq WhatsApp kien wieħed amikevoli u ċajtier. Għall-kuntrarju, hija fehmet minnufih illi l-messaġġi mibgħuta mill-attur kien fihom ton manifest ta' ironija u sarkażmu jekk mhux ukoll theddid sottili mistur taħt paraventu ta' umoriżmu. Il-Qorti fehmet illi l-attur ma kienx daqshekk ċajtier meta huwa wassal il-parir tiegħu lis-Sindku biex toħroġ sejħa għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid, f'messaġġ akkumpanjat bi* screenshot *tad-dispożizzjoni tal-liġi dwar il-proċedura għat-tneħħija ta' Segretarju Eżekuttiv u b'diversi* emoticons *ta' skieken – li huwa stess stqarr li ġew indirizzati lill-konvenuta personalment (fn. 18 Xhieda tal-attur in kontro-eżami, fol. 99) – u meta dan is-suġġeriment huwa segwit b'talba formali biex il-Kunsill jiddiskuti l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv waqt il-laqgħa pubblika tal-24 ta' Ottubru, 2018. (fn. 19 email tal-15 ta' Ottubru, 2018)*

- *Din il-fehma tkompli tiġi msaħħa b'referenza għall-kontroversja li nqalgħet fl-istess żmien fi ħdan il-Kunsill, b'rabta mal-pubblikazzjoni tal-15 ta' Ottubru, 2018 fuq is-sit elettroniku tvm.com.mt (fn. 20 dok. E anness mal-affidavit tal-attur) dwar l-istat ta' tindif tal-latrini pubbliċi amministrati mill-Kunsill, fejn ittellgħu uħud mill-istess ritratti li l-attur kien ħa u bagħat huwa stess (fost ritratti oħrajn) permezz ta' email lill-konvenuta, ikkupjat ukoll lil persuni oħrajn, fl-istess ġurnata. (fn. 21 Ara Dok. MHS1 anness mal-affidavit tal-konvenuta) Pubblikazzjoni li ġiet milqugħa mill-Kunsill Lokali, speċifikament mill-konvenuta, b'risposta ppubblikata fuq l-istess sit elettroniku fejn ingħad li kien l-attur li xerred informazzjoni ħażina u li qed jiġi investigat mill-awtoritajiet kompetenti. (fn. 22 dok. F anness mal-affidavit tal-attur)*

*Minn dan kollu l-Qorti tikkonkludi mingħajr wisq diffikultà illi ma huwiex biss l-iskambju tal-messaġġi bejn il-partijiet fuq WhatsApp li ma kien dħuli xejn (u ċertament mhux daqs kemm ġie penġut mill-attur fix-xhieda tiegħu), iżda r-relazzjoni bejniethom fiha nnifisha. Tirraviża tabilħaqq livell sostanzjali ta' tensjoni u diżgwid anzicche ħbiberija u ċajt tax-xorta li pprova jagħti l-impressjoni l-attur. Dan id-diżgwid kollu evidentement laħaq il-qofol tiegħu waqt il-laqgħa pubblika tal-24 ta' Ottubru, 2018 fejn kien qed jiġi diskuss bħala item fuq l-aġenda tal-Kunsill, fuq talba tal-attur innifsu, il-kariga tal-konvenuta ta' Segretarju Eżekuttiv u fejn intqal ukoll il-kliem allegatament inġurjuż impunjat f'din il-kawża.*

*Il-Qorti fehmet illi fl-aġir tal-attur fil-konfront tal-konvenuta, il-ħsieb tiegħu ma seta' kien xejn ħlief jikkritika lill-istess konvenuta, kif* del resto *ammess minnu (fn. 23 ara kontro-eżami tal-attur, fol. 105. L-attur fix-xhieda tiegħu wkoll jaċċetta illi huwa kkritika lill-konvenuta direttament għaliex hija responsabbli legalment mill-*

*amministrazzjoni tal-Kunsill), u jimminaha fil-kariga tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali: ħsieb li ġie manifestat mingħajr wisq ekwivoċi fl-email li huwa bagħat lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali fil-15 ta' Ottubru, 2018 fejn talab li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, fl-24 ta' Ottubru, 2018, jitpoġġa uffiċjalment għad-diskussjoni l-*item *"Segretarju Eżekuttiv". Kemm hu hekk, dakinhar stess, fil-15 ta' Ottubru, 2018, il-konvenuta talbet assistenza mingħand il-Gvern Lokali dwar din it-talba tal-attur, proprju għaliex hija ħassitha taħt assedju bl-atteġġjament tal-attur fil-konfront tagħha. (fn. 24 ara email Dok. MHS4, fol. 92 et seq). Atteġġjament li huwa kjarament intiż biex jiskredita u jintimida lill-konvenuta u dan kif elokwentement imfisser minnha fl-*email *li hija bagħtet lill-Gvern Lokali biex tilmenta kontra dan l-atteġġjament li hija ħasset li huwa minaċċjuż.*

*Jirriżulta wkoll mill-provi illi l-konvenuta mhux biss kienet ġiet akkumpanjata mill-avukat tagħha għal din il-laqgħa, peress li kellha tiġi diskussa l-pożizzjoni tagħha fil-Kunsill (fn. 25 kontro-eżami tal-konvenuta, 19 ta' Mejju, 2021), iżda kienet ukoll diġà rrapportat lill-Pulizija d-diffikultajiet li kienet qed tirriskontra mal-attur fi ħdan il-Kunsill Lokali, fosthom il-messaġġi dispreġjattivi u insulti li kienet irċeviet mingħandu. (fn. 26 Dan kollu jirriżulta mill-kopja tal-Affidavit ta' PS 1026 Brendon Gauci, kompriża f'Dok. C anness mal-Affidavit tal-attur innifsu, dwar rapport li sar mill-konvenuta lill-Pulizija fit-23 ta' Ottubru, 2018). Fuq dan ir-rapport tal-konvenuta jirriżulta illi l-attur kien ġie sussegwentement akkużat quddiem il-Qorti* inter alia *li hedded u jew inġurja lill-konvenuta (fn. 27 Dok. C fol. 61, annessa mal-affidavit tal-attur), għalkemm jirriżulta wkoll li huwa ġie eventwalment liberat mill-ħtija kriminali għar-reati lilu addebitati fuq dan ir-rapport. (fn. 28 fol. 71, 72 – sentenza u verbal tad-19 ta' Frar, 2019, esebiti mill-attur flimkien mal-affidavit tiegħu) Skont kif jirriżulta mill-provi dokumentarji prodotti minnu stess, l-attur kien stqarr mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħhom b'rabta mar-rapport tal-konvenuta, li huwa jaqbel illi fost il-messaġġi li huwa bagħat lill-konvenuta fuq WhatsApp, huwa bagħatilha simbolu tas-suba' tan-nofs kif ukoll il-kliem "wieġeb moża". (fn. 29 ara affidavit PS 1026 Brendon Gauci, supra, fol. 63).*

*Miżmum ferm dak kollu li jirriżulta mix-xhieda u l-atti proċesswali dwar ir-relazzjoni evidentement sfurzata bejn il-partijiet fiż-żmien tal-laqgħa in kwistjoni u l-affronti ripetuti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta fit-twettiq tal-kariga tagħha, l-imsemmija kliem u simboli fil-messaġġi li huwa bagħat lill-konvenuta jkomplu jirriaffermaw il-konvinzjoni tal-Qorti li l-konvenuta setgħet leġittimament tesprimi l-fehma illi l-pożizzjoni tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv kienet qegħda tiġi attakkata u minaċċjatta mill-attur, inkluż iżda mhux biss, permezz tal-kumpless tal-messaġġi mibgħuta lilha permezz ta' WhatsApp.*

*Ikkunsidrat;*

*Stabbilit dan kollu, il-Qorti sejra tgħaddi biex tapplika dawn il-konsiderazzjonijet fattwali għall-kriterji legali meħtieġa għas-suċċess tal-azzjoni tal-malafama, speċifikament l-inġurja allegata mill-attur.*

*Kwantu għall-kriterju tal-ħsara serja, il-Qorti ma tirravviżax f'dan kollu l-estremi tal-ħsara serja, la attwali u lanqas potenzjali, għar-reputazzjoni tal-attur. Huwa minnu illi kif sewwa ġie sottomess mill-abbli difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, illi l-imputazzjoni li huwa hedded lill-konvenuta tista' tinftiehem illi huwa ġie akkużat li wettaq reat kriminali, u għalhekk meħuda waħedha din l-imputazzjoni tista' titqies li hija gravi. Iżda, min-naħa l-oħra, wieħed irid iqiegħed din l-istqarrija fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, partikolarment (i) l-isfond tad-diżgwid li evidentement kien qed jirrenja fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali dak iż-żmien u tal-kontroversja u tensjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża b'riżultat tal-affronti u kritika kontinwa u pubblika da parti tal-attur, u l-imġiba tiegħu, fil-konfront tal-konvenuta, (ii) il-fatt li l-konvenuta kienet diġà rapportat l-imġiba tal-attur fil-konfront tagħha lill-Gvern Lokali kif ukoll lill-Pulizija u (iii) il-fatt illi dan il-kliem intqal waqt laqgħa pubblika li fiha l-konvenuta kienet qegħda tiddefendi l-kariga tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, kontra l-isfida tal-attur li poġġa din l-istess kariga tagħha taħt skrutinju bit-talba tiegħu li din tiġi diskussa bħala parti mill-aġenda tal-Kunsill waqt il-laqgħa.*

*Kwantu għall-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, ġie ritenut hekk in materja in inġurja (fn. 30 Gatley, supra):-*

"As in all cases of defamation, words which are said to constitute accusations of crime must be considered in the context in which they are used. Words which prima facie impute a crime are not actionable without proof of special damage if it is clear from the context, or from the facts stated by the speaker or known to the hearers, that they were in fact neither used nor understood to convey a criminal imputation."

*Għalkemm fis-sistema ġuridika tagħna mhux meħtieġ prova tad-danni għas-suċċess ta' azzjoni ta' inġurja, il-Qorti tibqa' tal-fehma illi mill-kuntest li fih intqal il-kliem impunjat, jirriżulta li dak il-kliem ma ntqalx biex iwassal imputazzjoni kriminali, l-azzjoni għall-inġurja ma tistax tirnexxi. Kif stabbilit, għall-fini tad-determinazzjoni tal-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur il-kliem li ntqalu mill-konvenuta waqt il-laqgħa pubblika ma jistgħux jitqiesu waħedhom mingħajr ma jsir stħarriġ bir-reqqa tal-fatti tal-każ. Il-Qorti tqis illi fir-retroxxena fuq dettaljata, l-attur kien qiegħed inevitabbilment jesponi ruħhu għal, jekk mhux tabilħaqq jipprovoka, xi reazzjoni da parti tal-konvenuta fid-difiża tagħha stess. Għalhekk, meta l-kliem impunjat jitqiesu minn din l-ottika, jirriżulta li l-kliem tal-konvenuta ntqal biex jesprimu r-reazzjoni*

*tagħha għall-imġiba komplessiva tal-attur fil-konfront tagħha, anzicche biex iwasslu imputazzjoni li l-attur ikkommetta reat kriminali. Il-Qorti għalhekk ma tirravviża l-ebda ħsara għar-reputazzjoni tal-attur b'riżultat tal-kliem użat mill-konvenuta.*

*Kollox magħdud, il-Qorti qajla tifhem kif l-istqarrija tal-konvenuta fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina, setgħet tiġi perċepita bħala inġurjuża, wisq inqas bħala inġurja li kkaġonat jew għandha l-potenzjal li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Kemm hu hekk, l-attur, għajr għal dikjarazzjoni fix-xhieda tiegħu illi r-reputazzjoni u l-integrità tiegħu ġew* "imtappnin minn kollega tiegħu"*, ma wera bl-ebda mod b'liema mod ir-reputazzjoni tiegħu sofriet jew tista' ssofri ħsara wisq anqas, ħsara serja. Barra minn hekk, l-attur ma ressaq l-ebda provi biex juri illi xi ħadd mill-persuni preżenti waqt il-laqgħa in kwistjoni, fehmu mill-kliem tal-konvenuta illi huwa kkommetta reat kriminali. Mill-provi jirriżulta wkoll illi minkejja l-kliem impunjat, l-attur baqa' jokkupa l-kariga ta' Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' San Pwal il-Baħar. (fn. 31 ara affidavit tal-konvenuta, fol. 75, kif ukoll kontro-eżami tal-konvenuta tad-19 ta' Mejju, 2021)*

*Konformement, ġialadarba hija mankanti l-prova tal-kriterju meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tal-Kap. 579, il-Qorti tqis illi l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi.*

*Ikkunsidrat;*

*Għall-kompletezza u għall-fini tad-determinazzjoni tal-prova dwar il-malizzja, il-Qorti wara li qieset il-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula dwar dak li wassal lill-konvenuta biex tagħmel l-istqarrija impunjata u l-kuntest li fih intqal il-kliem, ma tirriskontrax l-ebda malizzja kwalsiasi fi kliem il-konvenuta, tax-xorta meħtieġa għall-fini tas-suċċess tal-azzjoni odjerna. Għall-kuntrarju, kif diġà stabbilit, il-Qorti tirravviża mġiba da parti tal-attur li kienet ben kapaċi tirrażenta fil-konvenuta s-sentiment li esprimiet waqt il-laqgħa pubblika, u għalhekk hija teskludi b'mod assolut illi l-konvenuta setgħet kienet motivata minn malizzja meta qalet li kienet tħossha minaċċjata u taħt assedju mill-attur, nonche fil-kariga tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.*

*B'żieda ma' dan, wara li fliet bir-reqqa x-xhieda u l-provi kollha, inkluż dawk dokumentarji, il-Qorti mhux biss ma rriskontrat l-ebda ħjiel kwalsiasi ta' xi falsità fl-istqarrija tal-konvenuta, talli tqis li huwa oġġettivament riskontrabbli l-konvinzjoni assodata u ġenwina mil-lenti soġġettiva tal-konvenuta, illi fil-kumpless tal-atteġġjament tiegħu, kompriż fil-messaġġi tiegħu, l-attur kien attakkaha u heddidha.*

*Konsegwentement, mankanti wkoll l-element tal-malizzja, l-istqarrija impunjata ma tistax titqies bħala diffamatorja skont il-liġi.*

*Għalkemm il-Qorti taqbel mal-konvenuta li dak li ġie diskuss waqt il-laqgħa in diżamina ma jikkwalifikax bħala malafamanti u konsegwentement sejra tilqa' din l-*

*eċċezzjoni, għandu jingħad illi kif jirriżulta mill-konsiderazzjonijiet fuq magħmula, hija waslet għal din il-konklużjoni għal raġunijiet differenti minn dawk ventilati mill-konvenuta fir-raba' eċċezzjoni tagħha.*

***Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta biss safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż, qegħda tiċħad it-talba fir-Rikors bl-ispejjeż kontra l-attur."***

## L-Appell

12. L-attur ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fid-9 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma bis-sħiħ is-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi mogħtija fit-12 ta' Frar, 2020, tirrevoka u tħassar is-sentenza finali mogħtija fl-1 ta' Novembru, 2021, billi tiċħad *in toto* r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta, u tilqa' għalhekk it-talbiet tal-attur.

13. L-appellant qal li huwa ħass ruħhu aggravat minħabba l-mod kif l-Ewwel Qorti ddisponiet mir-raba' eċċezzjoni sollevata mill-appellata. Qal li apparti li l-eċċezzjoni tal-appellata tammonta għal ammissjoni ċara u netta ta' dak allegat minnu, jiġifieri li l-appellata akkużatu pubblikament li qed jheddidha, meta dan mhux minnu, it-tifsira unika u univoka ta' din l-eċċezzjoni hija li l-kliem espressi mhumiex inġurjużi għaliex saru fil-*fora* proprja u mhux għaliex mhumiex inġurjużi *ut sic.* Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fil-konsiderazzjonijiet tagħha qieset li l-lok jew il-*forum* li fih ikun intqal kliem inġurjuż, mhux fost l-elementi meħtieġa mil-liġi biex il-kliem jitqies li huwa malafamanti. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kellha tieqaf hemm, u konsegwentement tiċħad dik l-eċċezzjoni. Minflok, qal l-appellant, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex siltet xi kliem mill-eċċezzjoni mogħtija, u tagħtu

dimensjoni u tifsira għal kollox differenti minn dik intenzjonata mill-appellata. L-appellant kompla jgħid li dan tant huwa minnu, li l-Ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni tagħha qalet li kienet qegħda tilqa' din ir-raba' eċċezzjoni għal raġunijiet differenti minn dawk ventilati mill-konvenuta fir-raba' eċċezzjoni tagħha. L-appellant qal li dak li għamlet l-Ewwel Qorti mhux legalment attendibbli, għaliex Qorti trid toqgħod rigorożament mal-limiti tal-kontestazzjoni, għajr għal dawk il-materji sollevabbli *ex officio.* L-appellant qal li ħarsa lejn l-*affidavit* tal-appellata ma twassalx għall-konklużjoni li din iddefendiet ruħha bl-eċċezzjoni li d-diskors tagħha ma kienx inġurjuż jew malafamanti, għaliex huma neqsin ir-rekwiżiti tal-liġi. Qal li minflok l-appellata ssollevat il-verità tal-fatti, u għalhekk din kienet qegħda tassumi responsabbilità għall-malafama. L-appellant żied jgħid li imbagħad hemm is-sottomissjonijiet magħmula dwar l-artikolu 3(4) tal-Kap. 579, dwar il-ħsara *o meno* tar-reputazzjoni tal-appellant, u qal li apparti li dak l-argument ma jreġix f'materja ta' inġurja ċivili u lanqas m'għandu mis-sewwa, dan qatt ma tqajjem fl-eċċezzjonijiet tal-appellata u lanqas ma tqanqal tul is-smigħ tal-kawża. L-appellant qal li eċċezzjonijiet ġodda m'għandhomx u ma jistgħux jitqajmu lanqas f'nota ta' sottomissjonijiet. L-appellant qal li r-raba' eċċezzjoni tal-appellata kellha tinqara bħala waħda li permezz tagħha hija qegħda tissolleva li ma jeżistux l-elementi rikjesti tal-inġurja, u li eċċezzjoni ġenerika u vaga bħal din ma kellhiex tiġi ammessa.

14. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-aspetti legali miġjuba quddiemha. Qal li minn qari tas-sentenza, għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti dehrilha li għandha tiskarta t-talba tiegħu abbażi ta' żewġ motivazzjonijiet, jiġifieri li l-

appellata kellha l-fehma ġenwina li l-appellant kien qiegħed jheddidha jew jikkritikaha, u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma nġabet l-ebda prova dwar il-ħsara għar-reputazzjoni tal-appellant. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti fehmet li meta huwa kien qiegħed jikkritika lill-appellata, dwar l-istat tal-latrini pubbliċi fil-lokalità, din kellha raġun taħseb li bl-iskambju ta' messaġġi fuq il-*WhatsApp* hija kienet qegħda tiġi attakkata. Qal li l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni sempliċement għaliex huwa kien allegatament xerred tagħrif sensittiv fuq il-*Facebook,* u meta wieġeb lill-appellata f'*email,* huwa kien ikkopja lill-kunsilliera l-oħra. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tgħid li kienet is-Segretarju Eżekuttiv li *a sua sponte* rrispondiet għall-artiklu li deher fuq *tvm.com.mt,* mingħajr ma tkellmet mal-Kunsill u mingħajr ma kellha l-approvazzjoni biex taġixxi f'isem l-istess Kunsill. L-appellant qal li għalhekk fil-fehma tal-Ewwel Qorti l-appellata kienet *beyond reproach,* u qal li waħda mill-funzjonijiet legali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali hija li teżegwixxi d-deċiżjonijiet u l-politika tal-Kunsill, u li jaraw li l-kuntratturi li jiġu ngaġġati, qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom, u li jassistu lill-istess kuntratturi fil-ħidma tagħhom, u mhux li jagħmlu fattihom. Qal li ħadd ma jista' jinnega li l-latrini pubbliċi fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar kienu fi stat pjetuż, u għalhekk ma kien hemm xejn ħażin f'li huwa ta pubbliċità lil dan il-fatt. Qal ukoll li huwa m'għamel xejn ħażin meta kkritika l-fatt li s-CCTV cameras fl-istess lokalità kienu ilhom xhur ma jaħdmux, bħal ma m'għamel xejn ħażin meta ressaq l-*item* 'Segretarju Eżekuttiv' fuq l-*agenda* tal-laqgħa tal-24 ta' Ottubru, 2018. Qal li dan l-aġir ma jistax jitqies li jammonta għal theddid, u huwa qatt ma kkritika lill-appellata personalment, iżda dejjem fil-vesti tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv.

15. L-appellant qal ukoll li dan kollu huwa irrilevanti għall-każ in diżamina, u dan għaliex ir-retroxena tal-affarijiet kif seħħew, issaħħaħ u mhux telimina l-element tal-malizzja msemmi fl-artikolu 2 tal-Att, u dan għaliex huwa evidenti li dak li għamlet u qalet l-appellata sar bi tpattija għall-kritika li kien qed jagħmel l-appellant. L-appellant spjega li bejnu, l-appellata u s-Sindku tal-Kunsill Lokali kien hemm grupp fuq *WhatsApp* fejn kienu jiddiskutu affarijiet relatati mal-Kunsill Lokali. Qal li d-diskursata, li kopja tagħha ġiet esebita mill-appellant stess, tibda bi kliem ta' tifħir għal *email* li tfasslet mill-appellata, u tkompli b'ton amikevoli. Qal li fil-5 ta' Ottubru, 2018 huwa bagħat ritratti li juru l-istat tal-latrini pubbliċi u tal-*playing fields,* bis-Sindku twieġeb li kien qiegħed isir xogħol fuqhom, u li l-appellata qegħda l-Qorti. Qal li huwa staqsa b'ton ċajtier jekk din kinitx il-ħabs, u li għalhekk kien hemm il-ħtieġa li tinħareġ sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ieħor, fejn l-appellata wieġbet li "*you are stuck with me for good".* Qal li hemm huwa rrisponda bi *screenshot* mil-liġi dwar kif jista' jitneħħa Segretarju Eżekuttiv, b'għadd ta' *emoticons* ta' skieken u xampanja. Qal li d-diskussjoni kompliet bl-appellata tgħid li jekk titlaq hi, jitlef il-Kunsill, għaliex hija għandha *track record* tajjeb, u huwa taha sinjal ta' approvazzjoni (*thumbs up*) għal dan. Qal li imbagħad tkompliet d-diskursata. L-appellant qal li l-appellata, minflok esebiet id-diskussjoni sħiħa li saret, esebiet biss l-*emoticons* tal-iskieken u x-xampanja, u ppreżentathom waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru, 2018 bħala 'prova' sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li l-appellant kien heddidha jew attakkaha. Qal li huwa proprju hawn fejn għandu jirriżulta l-element tal-malizzja da parti tal-appellata, in kwantu din f'laqgħa pubblika konxjament għażlet li tagħti stampa mhux kompluta u qarrieqa ta' dawk il-messaġġi biex tenforza l-pretensjoni tagħha li l-appellant heddidha u/jew

attakkaha. Qal li mhux hekk biss, iżda l-appellata marret b'dawk il-messaġġi għand il-Pulizija, u akkużat lill-appellant bir-reat kriminali ta' *misuse of telecommunication equipment,* li jġorr miegħu piena ta' €23,000 multa. L-appellant staqsa jekk dan jammontax għal malizzja da parti tal-appellata, u għamel riferiment għall-paġna 7 tas-sentenza ċċitata mill-Ewwel Qorti, fejn jingħad li "*knowledge of the falsity of a defamatory statement will ordinarily be conclusive evidence of malice".* L-appellant kompla jgħid li s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu tant kienet errata, li kważi kważi jista' jingħad li saret inġustizzja fil-konfront tiegħu b'dak li ġie deċiż.

16. L-appellant żied jgħid li l-element tal-ħsara reputazzjonali mhux rikjest għall-fini ta' azzjoni ta' inġurja, u dan għaliex l-artikolu 3(4) tal-Kap. 579jittratta l-libell, li skont l-Att, huwa definit bħala malafama permezz ta' pubblikazzjoni u mhux bi stqarrija. Żied jgħid li fit-tieni lok, jingħad ukoll li l-artikolu 3(4) tal-Kap. 579 ma jesiġix prova konklussiva ta' ħsara reputazzjonali, u l-potenzjal ta' ħsara hija wkoll valida u ammissibbli. L-appellant qal li l-fatt li l-appellata ressqet l-istess ilment lill-Pulizija, huwa xhieda tal-animu tagħha u ta' dan il-potenzjal ta' ħsara. Qal ukoll li l-allegazzjonijiet bil-fomm li għamlet l-appellata, jimputaw fuqu reat kriminali, u għalhekk il-ħsara reputazzjonali hija ppruvata, anke fl-assenza ta' ħsara reali jew pekunjarja.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, għaliex f'dawn il-proċeduri l-Ewwel Qorti primarjament illimitat l-istħarriġ tagħha għall-kliem allegatament malafamanti tal-appellata, u

qalet li wara kollox dan l-istħarriġ huwa l-qofol biex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi każ ta' malafama bħal dan.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li mhuwiex minnu li l-eċċezzjoni tagħha tikkonsisti f'ammissjoni ċara ta' dak allegat mill-appellant f'dawn il-proċeduri. Żiedet tgħid li minkejja li din l-eċċezzjoni tinkorpora eċċezzjoni ulterjuri li l-Ewwel Qorti ma qablitx magħha, jiġifieri l-argument li din il-kwistjoni ma setgħetx treġġi f'malafama u/jew inġurja stante li dan id-diskors sar f'laqgħa pubblika, dan ma jfissirx li l-appellanta ammettiet li hija kienet inġurjat jew immalafamat lill-appellant. Qalet li hija qatt ma nnegat li hija kienet akkużat lill-appellant li heddidha u li attakkaha diversi drabi, għaliex wara kollox irriżulta sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri li dawn il-messaġġi verament intbagħtu mill-appellant lill-appellata. L-appellata kompliet tgħid li sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri, hija kienet qegħda toġġezzjona għal kull talba li għamel l-appellant f'kull stadju ta' dawn il-proċeduri.

19. L-appellata qalet li mhux korrett lanqas li jingħad li hija ressqet eċċezzjonijiet ulterjuri fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u qalet li r-raba' eċċezzjoni tispjega ċar li d-diskors li ngħad waqt il-laqgħa ma jistax ireġi li kien b'xi mod inġurjuż fil-konfront tal-appellant, u l-elementi rikjesti mil-liġi għal din l-azzjoni partikolari ma jissussistux. Qalet li dan l-argument fehmitu wkoll l-Ewwel Qorti, u filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija ddiskutiet bir-reqqa l-elementi essenzjali biex tirnexxi azzjoni ta' malafama *ai termini* tal-Kap. 579, u għamlet l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-provi miġjuba quddiem l-Ewwel

Qorti, ma jistax jingħad li hija qanqlet xi eċċezzjonijiet jew fatti ġodda, għaliex hija dejjem straħet fuq il-provi li nġabu quddiem l-Ewwel Qorti.

20. L-appellata qalet ukoll li l-argument tal-appellant li l-artikolu 3(4) tal-Kap. 579 ma japplikax f'materja ta' inġurja ċivili, huwa żbaljat stante li d-definizzjoni ta' 'malafama' fil-Kap. 579 tfisser *"il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja".* Qalet li għalhekk huwa ċar li l-artikolu 3(4) tal-Kap. 579 jirreferi kemm għal azzjonijiet ta' libell, kif ukoll għal azzjonijiet ta' inġurja. Qalet ukoll li sa minn qabel inbdew dawn il-proċeduri, hija ddikjarat li l-istqarrija tagħha ma kinitx immotivata minn malizzja jew *mala fede.* Qalet li jista' jingħad il-kontra, jiġifieri li hija ħassitha mhedda mill-atteġġjament negattiv kontinwu tal-appellant, fejn anki l-Ewwel Qorti sostniet li l-messaġġi mibgħuta minnu ma kienu pjaċevoli xejn, u li l-messaġġi ma jistgħux jiġu interpretati bħala ċajtiera.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li dan l-aggravju huwa turija ta' kemm dan l-appell huwa frivolu u infondat, u maħsub biss biex jaħli l-ħin tal-Qorti. Qalet li din hija Qorti ta' reviżjoni li m'għandhiex tiddisturba leġġerment l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jissuġġerixxu mod ieħor. Kompliet tgħid li l-oneru tal-prova dwar jekk kienx hemm stqarrija inġurjuża li wasslet għal ħsara lir-reputazzjoni tal-appellant, kienet tinkombi biss lill-appellant, li ma ġab l-ebda prova li d-diskors in kwistjoni tal-appellata kien malafamanti, u meta jirriżulta li l-appellata stess marret tagħmel rapport lill-Pulizija dwar l-istess messaġġi. L-appellata qalet li dan kollu jaħti għalih l-appellant, li wera disrispett u atteġġjament tossiku fil-konfront tagħha u l-qadi

ta' dmirijietha bħala Segretarju Eżekuttiv. L-appellata temmet tgħid li l-appellant ma rnexxilux juri li r-reputazzjoni tiegħu sofriet ħsara gravi u irreparabbli, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, li ħassu aggravat li l-Ewwel Qorti ma sabitx raġunijiet biżżejjed għalfejn huwa kellu jħossu mhedded u/jew inġurjat b'dak li qalet dwaru l-appellata. L-Ewwel Qorti ddikjarat li l-appellata kellha raġun tħossha aggravata bid-diskors tal-appellant, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha mressqa mill-appellant.

*L-ewwel aggravju:* *[il-mod kif l-Ewwel Qorti ddisponiet mir-raba' eċċezzjoni sollevata mill-appellata]*

23. L-appellant qal li bir-raba' eċċezzjoni tagħha, l-appellata kienet qegħda tagħmel ammissjoni ċara u netta li hija mmalafamatu meta allegat li dan kien qiegħed jheddidha, iżda spjegat li din l-istqarrija tagħha ma tistax titqies li hija inġurjuża għaliex saret f'laqgħa pubblika li għaliha kien hemm preżenti saħansitra uffiċjali tal-Pulizija u l-avukat tagħha. L-appellant qal li bid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti siltet xi kliem mill-eċċezzjoni li tat l-appellata, u tagħtu tifsira u dimensjoni għal kollox differenti minn dik intenzjonata mill-appellata, b'dan illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kienet qegħda tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-appellata, iżda għal raġunijiet differenti minn dawk ventilati mill-appellata. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti dan ma setgħetx tagħmlu, u kellha toqgħod għal-

limiti tal-kontestazzjoni tal-appellata, għajr għal xi eċċezzjonijiet li huma sollevabbli *ex officio.* L-appellant qal li l-appellata imkien ma eċċepiet li d-diskors tagħha ma kienx inġurjuż jew malafamanti, iżda qalet biss li l-istqarrija tagħha ma setgħetx titqies bħala inġurjuża jew malafamanti minħabba fil-post jew fil-kuntest li fih saret l-istqarrija tagħha.

24. Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-kummenti li l-appellant qiegħed jgħid li huma inġurjużi jew malafamanti fil-konfront tiegħu, saru wara perijodu twil fejn kien hemm diversi battibekki bejn il-partijiet. L-appellant, li fiż-żmien rilevanti kien Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, kien jiġbed l-attenzjoni tal-appellata, Segretarju Eżekuttiv fl-istess lokalità, dwar xi nuqqasijiet li kien josserva fil-lokalità, u biex iwassal il-messaġġ tiegħu kien hemm drabi li kien jinkludi terzi, inklużi Membri Parlamentari fil-korrispondenza tiegħu mal-appellata. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-aġir tal-appellant seta' kien immotivat mil-lealtà tiegħu lejn il-lokalità u l-kostitwenti tiegħu, madanakollu l-mod kif kien jipprova jwassal il-messaġġ tiegħu fil-konfront tal-appellata, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-istess lokalità, li għandha funzjoni definita fil-liġi u li minn dan ir-rwol iddependu l-karriera u l-avvanz professjonali tagħha, ma kienx wieħed idoneu f'relazzjoni professjonali bejn kunsillier u Segretarju Eżekuttiv. L-appellant jidher li ħassu offiż wara li l-appellata esebiet diversi messaġġi fejn jidhru għadd ta' *emoticons* mibgħuta minnu, u allegat li permezz ta' dawn il-messaġġi l-appellant kien heddidha u/jew inġurjaha. B'riferiment speċifiku għall-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, din il-Qorti tibda billi tosserva li l-appellata m'għamlet l-ebda ammissjoni li dak li kienet stqarret hi, kien libelluż jew malafamanti. Għall-kuntrarju, l-appellata qegħda tinsisti, inkluż

bil-mod kif wieġbet għar-rikors tal-appell tal-appellant, li kienet ġustifikata li tħossha aggravata u mhedda bil-messaġġi li rċeviet mingħand l-appellant.

25. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti. Fl-ewwel lok, hawn si tratta ta' relazzjoni professjonali f'kuntest ta' persuna eletta mill-pubbliku, u Segretarju Eżekuttiv li l-impjieg tagħha jiddependi fuq kemm il-kunsilliera fil-lokalità japprovaw li hija tkompli sservi b'ħidmietha fil-lokalità. Minn dak li kkonstatat mill-atti proċesswali, din il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn taċ-ċajt fis-suġġeriment li sar mill-appellant li fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali tiġi diskussa permezz ta' *item* fuq l-aġenda, il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, jew l-*iscreenshot* li bagħat b'estratt mil-liġi sabiex juri Segretarju Eżekuttiv b'liema mod jista' jitneħħa. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-aġir tal-appellant seta' kien immotivat mil-lealtà tiegħu lejn il-kostitwenti tiegħu, madanakollu huwa naqas milli jġib rispett lejn il-persuna li għandha l-ogħla kariga amministrattiva fi ħdan il-Kunsill Lokali. Din il-Qorti m'għandiex għalfejn tispjega għaliex 'ċajt' bl-impjieg ta' persuna m'huwa ċajt xejn, u għal liema raġuni kunsillier f'lokalità m'għandux jindirizza lil persuna oħra bħala 'mogħża', aktar u aktar meta dik il-persuna tkun il-*gate-keeper* tal-Kunsill Lokali. Il-Qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, kemm għaliex tqis li l-appellata kellha raġun tħossha mhedda u inġurjata bil-mod kif kien jittrattaha l-appellant, kif ukoll għaliex tqis illi f'dak li qalet l-appellata m'hemm xejn li huwa inġurjuż jew malafamanti fil-konfront tal-appellant. Ċertament li l-appellata kellha kull dritt tgħid li ħassitha mhedda u nġurjata bil-kummenti u bl-aġir tal-appellant, għaliex il-kummenti u l-istqarrijiet tiegħu kienu maħsuba biex itellfulha s-serħan il-moħħ u l-paċi li impjegat għandu jkollu fil-qadi ta' dmirijietu, u anki wara li jkun temm ġurnata xogħol, aktar u aktar meta jirriżulta

li l-iskambju ta' messaġġi in kwistjoni, sar wara l-ħin tax-xogħol, meta impjegat għandu jkollu ħin fil-kwiet għalih u għall-familja tiegħu.

26. Fuq kollox, lil din il-Qorti imkien ma jirriżultalha li l-appellata ammettiet li l-kumment tagħha kien wieħed malafamanti, u li iżda ma kellux jitqies hekk minħabba fil-kuntest jew fil-post fejn sar. Il-Qorti tista' tapprezza li l-aġir tal-appellata ma kienx immotivat minn sens ta' *mala fede* jew konfront fir-rigward tal-appellant, iżda għaliex hija verament ħassitha mhedda b'dak li kien qiegħed jiġi suġġerit mill-appellant fiċ-*chat* li kienet ipparteċipat fih ukoll is-Sindku tal-lokalità. Fuq kollox, il-Qorti ma tara l-ebda ħsara potenzjali jew attwali għar-reputazzjoni tal-appellant b'dak li qalet l-appellata, u dan għaliex l-appellata ma ppruvatx testrapola minn xi stqarrija astratta li saret, iżda spjegat li hija ħassitha inġurjata minħabba f'dak li ntqal fil-konfront tagħha, u minħabba fl-attitudni negattiva li l-appellant iddeċieda li jadotta fil-konfront tagħha. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-aspetti legali miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti]*

27. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti skartat it-talba tiegħu, meta din naqset milli tikkonsidra jekk kienx hemm xi malizzja da parti tal-appellata. Qal li huwa qatt m'attakka lill-appellata personalment, u meta l-appellata naqset milli tesebixxi l-konversazzjoni sħiħa li kellha mal-appellant, din riedet taħbi l-fatti kollha kif ġraw, sabiex tagħti l-impressjoni li l-appellant kien qiegħed jheddidha u/jew jattakkaha. Qal li ladarba l-appellata ppruvat tostor l-istampa kompluta

tal-fatti kif ġraw, għandu jirriżulta li din aġixxiet b'malizzja, partikolarment għaliex hija ppruvat timputa fuqu reat kriminali li jġorr miegħu multa qawwija.

28. Il-Qorti kkonsidrat il-provi u l-fatti kollha kif jirriżultaw mill-atti, u tibda biex tgħid li ma taqbilx mal-asserzjoni tal-appellant li huwa qatt m'attakka lill-appellata personalment, għaliex mill-provi jirriżulta li dan kien jindirizza lill-appellata b'ton dispreġjattiv, inkluż billi sejħilha 'mogħża' f'diskursata fil-preżenza ta' terzi. Il-preżentata quddiem l-Ewwel Qorti tal-konversazzjoni sħiħa li seħħet, li l-appellant jgħid li nżammet mistura mill-appellata sabiex din ma turix l-istampa kompluta tal-fatti kif ġraw, xejn ma tagħti stampa sabiħa tar-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet, partikolarment għaliex l-appellant ipprova saħansitra jirredikola l-impjieg tal-appellata u ssuġġerixxa li l-impjieg tagħha jiġi diskuss waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali. Dan mhux aġir ta' nies maturi jew ta' nies li jridu jikkultivaw relazzjoni professjonali waqt li qegħdin jassumu kariga pubblika, u filwaqt li hemm ħin u lok għaċ-ċajt, ċajt u żufjett li jinvolvi l-impjieg ta' persuna m'huwa ċajt xejn. Għaldaqstant l-allegazzjoni tal-appellant li l-appellata naqset b'malizzja milli tippreżenta kopja kompluta tad-diskursata li seħħet, ma treġġix għaliex minn qari tad-diskursata kollha kif seħħet, jirriżulta li l-appellata kienet ġustifikata li tħossha mhedda u nġurjata bl-aġir u bil-kummenti tal-appellant. Fuq kollox, din il-Qorti tqis li l-appellant kellu jġib prova li dak li qalet l-appellata fil-konfront tiegħu wassal għal ħsara għar-reputazzjoni tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova l-appellant baqa' ma għamilhiex, u bl-ebda mod ma spjega kif ir-reputazzjoni tiegħu sofriet għaliex l-appellata allegat li hija ħassitha mhedda u inġurjata bil-kummenti tal-appellant f'diskursata privata bejn numru ta' persuni. Forsi l-appellant xtaq jargumenta li l-kontenut ta' diskursata privata kellu jibqa' privat, iżda f'dan il-każ kien l-appellant stess li

ssuġġerixxa li r-rwol tas-Segretarju Eżekuttiv jitniżżel bħala *item* fuq l-aġenda tal-Kunsill Lokali, naturalment sabiex dak li ngħad fid-diskursata privata, jiġi mgħarraf lill-kumplament tal-kunsilliera u lill-pubbliku b'mod ġenerali. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**